MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 242/2001/1

**Lawrence Farrugia**

**Vs**

**Lorenza Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Frar 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur kien ghamel kuntratt mal-konvenuta fejn kien iddikjara li nofs id-dar konjugali "23, Forget Me Not" Artillary Street, Marsascala kienet taghha u dan ghamlu wara rikatt u l-att relattiv gie pubblikat min Nutar Pierre Falzon fis-27 ta' April, 1998;

Illi l-kunsens tal-attur kien karpit minhabba vjolenza u raggiri u *inoltre* l-kuntratt kien simulat;

Illi dana l-istess fatt kien u huwa ta' dannu ghall-attur, *stante* li martu issa li tinsab koprorjetarja tal-fond, qed turih f' qasir zmien miz-zwieg li kull ma baqa' interess huwa dak li tinqasam il-proprjeta', li minnha qatt ma kellha sehem;

Illi l-attur kien akkwista l-istess prorpjeta fl-1994, meta lanqas kien biss gharus lill-attrici, u hekk ukoll kien ha self minghand il-bank;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li l-kunsens tal-attur biex affettwa l-atti relattivi li bih l-konvenuta saret prorpjetarja kwantu ghan-nofs tad-dar konjugali kien vizzjat minhabba li gie karpit bi vjolenza u raggiri, u li kull att relattiv biex gie dan effettwat kien simulat. Ghalhekk il-kuntratt bejn il-kontendenti tas-27 ta' April 1998 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon hu null u bla effett. B' riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attur;

2. Tinnomina Nutar biex jircievi l-atti li jesegwixxi s-sentenza u kuraturi ghall-kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebitti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 23 tal-process fejn eccepitt:-

1. Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni hija nulla peress li hija generika, vaga u nebuluza u tippekka inkwantokke li bi ksur tal-**artikolu 156 (1) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, ma tfissirx sewwa l-oggett tal-kawza, u dana kif postulati l-premessi u t-talbiet sussegwenti, din l-

eccezzjoni qed tinghata peress li mkien fit-talbiet attrici m' hemm talba specifika ghal dikjarazzjoni ta' nullita tal-kuntratt *de quo* kieku kellu jigi ppruvat dak allegat mill-attur fil-premessi tieghu. *Di piu* t-tieni talba hija guridikament insostenibbli peress li sentenza tista' tigi esegwita biss bil-modalitajiet permessi mill-Ligi. Ghal dawn il-motivi l-eccipjenti ghandha tigi lliberta mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-attur;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ic-citazzjoni attrici hija nulla u guridikament insostenibbli peress li l-attur qed jittenta zewg tipi ta' azzjonijiet simultanjament liema tentattiv mhux biss mhux permess mill-Ligi skond il-massima *seleqtur una via* izda *di piu* z-zewg azzjonijiet ittentati mill-attur huma guridikament opposti ghal xulxin peress illi l-vjolenza u raggiri huma difetti fil-kunsens li allura jannullaw kuntratt sa mill-bidu tieghu, mentri s-simulazzjoni tippresupponi l-validita' ta' kuntratt izda ta' fattispecje differenti minn dak li fil-fatt jidher. Ghal dawn il-motivi wkoll l-eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-attur;

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit kwantu ghal kawzali bbazati fuq vjolenza u raggiri l-azzjoni attrici hija legalment perenta *ai termini* tal-**artikolu 1222 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra l-attur;

4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ukoll kwantu ghal kawzali tal-vjolenza u frodi, *dato ma non concesso* li l-eccezzjonijiet precedenti ma jigux akkolti, l-attur irid jipprova jew il-vjolenza li fuq skorta ta' sentenzi trid tkun illegali, gravi, u determinanti, jew il-frodi intiz fis-sens ta' dolo u mhux semplicement ingann u allura jrid jipprova l-intenzjoni diretta biex tinganna, il-gravita' tal-ingann, illi l-frodi kien determinanti u derivat mill-partecipazzjoni attiva tal-parti li tkun allegatament ezercitatu;

5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit kwantu ghal kawzali ta’ simulazzjoni *dato ma non concesso* li l-eccezzjonijiet precedenti ma jigux akkolti, l-attur irrid jipprova li kien hemm l-elementi stabbiliti mill-gurisprudenza biex tirnexxi azzjoni ta’ simulazzjoni ghalkemm l-eccipjenti tissoferma li ma kien hemm ebda similazzjoni;

6. Illi, fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici fl-*intier* taghha hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma kien hemm ebda vjolenza, raggiri u / jew simulazzjoni;

7. Illi salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni taghha u l-lista tax-xhieda a fol. 24 u fol. 25 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta’ Settembru 2001 u tal-11 ta’ Dicembru 2000.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 7 ta’ Frar 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond C. Pace LL.D. ghal-20 ta’ Frar 2002.

Rat il-verbal tal-20 ta’ Frar 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit b’ terminu ta’ 40 jum.

Rat il-verbal tal-25 ta’ April 2002.

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat in-nota tal-konvenuta li permezz taghha ezebixxa l-affidavit ta’ Adelina Cordina.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Novembru 2002 fejn Dr Brincat talab li l-provi migjuba fil-kawza Cit. Nru 422/01/1 jghoddu bhala provi fil-kawza odjerna. Dr Stephen Thake m’opponix. Il-Qorti laqghet it-talba. Dr Brincat iddikjara li m’ghandux provi izjed. Inghata digriet affidavit tal-

konvenuta. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex wara tali terminu tiffissa tlett seduti ghall-provi tal-konvenuta.

Rat ir-rikors tal-attur Lawrence Farrugia datat 15 ta' Novembru 2002, fejn talab bir-rispett illi hu jkun awtorizzat ghal kull *buon fini* illi jipprezenta dawn id-dokumenti fis-seduti illi ghandhom isiru quddiem l-Assistenta Gudizzjarja u jitlob illi ssir komunika ghar-risposta lil Avukat Dr. Stephen Thake halli iktar jigu spediti l-proceduri.

Rat id-digriet datat 18 ta' Novembru 2002, fejn il-Qorti ordnat lill-attur sabiex b' nota fi zmien jumejn jindika meta gew prezentati tali affidavit jew dokumenti. Giet ordnata n-notifika tal-istess rikors lir-Registratur tal-Qorti b' jumejn zmien ghar-risposta. Giet ordnata wkoll in-notifika tal-istess rikors lill-kontroparti b' erbat ijiem zmien ghar-riposta.

Rat in-nota tal-attur Lawrence Farrugia, datata 20 ta' Novembru 2002, a fol. 56 tal-process.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Lorenza Farrugia, datata 2 ta' Dicembru 2002, fol. 57 tal-process.

Rat ir-risposta tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, datata 26 ta' Novembru 2002, a fol. 58.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 3 ta' Dicembru 2002, fejn it-talba giet milqugha b' terminu ta' 15-il gurnata ghall-prezentata ta' tali dokumenti.

Rat il-verbal datat 4 ta' Marzu 2003, fejn Dr. Joseph Brincat ghall-attur iddikjara li kien fadalu jesebixxi dokument. Dr. Thake ghall-konvenuta ddikjara li f' zewg seduti jaghlaq il-provi. Il-Qorti ordnat li l-atti kollha u l-provi fil-kawza Nru. 7 (Cit. Nru. 422/01RCP) jghoddu bhala provi f' din il-kawza.

Rat il-verbal datat 3 ta' Gunju 2003, fejn Dr. Thake ghall-konvenuta ddikjara li f' seduta wahda jaghlaq il-provi.

Rat in-nota tal-konvenuta li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha.

Rat il-verbal datat 23 ta' Ottubru 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 2004 fejn id-difensuri ddikjaraw li l-provi jinsabu maghluqa. Huma talbu li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, datata 15 ta' April 2004, minn fol. 35 sa fol. 39 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Mejju 2004; u tat-3 ta' Gunju 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2004.

Rat in-nota ulterjuri tal-attur Lawrence Farrugia, datata 3 ta' Gunju 2004, a fol. 43 u fol. 44 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza odjerna kif ukoll dawk fil-kawza Nru 422/01/RCP fl-ismijiet **"Lawrence Farrugia vs Lorenza Farrugia".**

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II.KONSIDERAZZJONIJIET

### (I) IL-VERTENZA ODJERNA.

Illi l-attur permezz tal-kawza odjerna qed jattakka kuntratt ta' divizjoni li sar mal-konvenuta fejn huwa kien iddikjara li nofs id-dar konjugali hija taghha. Huwa jsostni li l-kunsens tieghu hu vizzjat minhabba li kien karpit bi vjolenza u raggiri da parti taghha. *Inoltre'* jsostni li l-kuntratt kien simulat.

Illi l-konvenuta min-naha taghha ressqet diversi eccezzjonijiet li se jigu trattati kollha wahda aktar ‘il quddiem.

**(II) PROVI PRODOTTI.**

Illi l-**attur** fl-affidavit tieghu dwar il-kwistjoni mertu tal-vertenza odjerna xehed li huwa flimkien ma’ Antonia sive’ Tania Sultana li kienet gharusa tieghu f’xi zmien xtara l-arja tal-fond in kwistjoni. Dan kien fl-1 ta’ Awissu 1994. Ix-xoghol beda immedjatament. Minhabba li kien hemm xi nkwiet bejniethom fit-30 ta’ Settembru 1994 sar kuntratt iehor fejn Tania Sultana ghaddiet sehemha fuqu. Sal-25 ta’ Marzu 1995 kien diga’ tlesta x-xoghol kollu u kien hemm il-bini sa fuq il-bejt. Dan jirrizulta meta mar il-Perit David Psaila biex jaghmel estimation fuq il-post biex jitlesta minn kollox minhabba l-loan.

Illi fis-26 ta’ Settembru 1995 ha self minghand il-Bank of Valletta fl-ammont ta' tmien t’elef lira Maltija (Lm8,000) biex ikun jista’ jkompli. Fid-9 ta’ Dicembru 1996 il-post kien prattikament tlesta minn kollox u dan skond certifikat li nhareg mill-Perit David Psaila. Huwa qal li l-garaxx kien tlesta minn kollox bil-bieb ta’ barra wkoll, tikhil fil-komun u r-rampa. Fil-post kien tlesta d-dawl, l-ilma, it-tikhil minn gewwa u minn barra, waterproofing fuq is-saqaf, preparazzjoni ghall-pajpijiet tad-drain u dranagg. Kienu mixtrijin is-settijiet tal-kmamar tal-banju u l-madum tal-art kien beda jitqieghed qabel ma beda johrog mal-konvenuta filwaqt li l-loan thallas kollu minnu sal-prezent.

Illi huwa xehed li ltaqa’ ma’ Lorenza Farrugia fl-1 ta’ Jannar 1996 u zzewgu fis-27 ta’ Settembru 1997. Huwa hareg maghha xi xahrejn wara. Il-konvenuta, skond l-attur, harget ammont ghax-xoghol fil-kostruzzjoni ghall-granit f’Gunju 1996 u hallset l-ammont ta’ Lm690 minghand Camilleri Marble Ltd. Xtrat ukoll suffett tal-*main bathroom* bl-ammont ta’ Lm259 f’Gunju 1997 minghand Rainbow Interiors. Xtrat suffett iehor bl-ammont ta’ Lm58 minghand Portelli & Brincat Ltd u xtrat it-tiles tal-kcina fl-ammont ta’ Lm37 fi Frar 1997. Sussegwentement harget Lm550

f'Awissu 1996 ghall-madum tal-kamra tal-banju. Il-bqija hallas kollox huwa.

Illi huwa qal li qabel iz-zwieg il-konvenuta kienet tinsisti biex taghtih Lm9,000 biex tixtri nofs is-sehem tad-dar kif kienet giet wara x-xogholijiet kollha li kienu saru. Hu pero' kien irrifjuta. Minhabba li hi kienet harget l-ghamara tal-kamra tas-sodda, tal-pranzu, u dawn hadithom qabel iz-zwieg hi ppretendiet li kienet intitolata ghal nofs id-dar. Infatti kif izzewgu bdiet tinsisti li jirregolarizzaw il-posizzjoni billi jghaddilha nofs id-dar. Hu qal li kienet theddu li jispicca kollox bejniethom jekk ma jsirx il-kuntratt.

Illi hi kienet toffendih u tittorturah bil-kliem mill-ewwel gimgha. Sahansitra l-ghada taz-zwieg omm il-konvenut marret biex tiehu kopja tac-certifikat taz-zwieg u tehodha ghand in-nutar sabiex nofs il-post jinqaleb fuq isem bintha. Minhabba li din is-sitwazzjoni baqghet tirrepeti ruhha huwa ceda ghax ma riedx li jinkiser iz-zwieg.

Illi huwa xehed li ftit sieghat qabel it-tieg in-Nutar Pierre Falzon beda jipprepara l-kuntratt li gie ffirmat fis-27 ta' April 1998 wara seba' xhur mizzewgin. Huwa jsostni li ssimulaw il-kuntratt minhabba li ma kien hemm ebda raguni ghaliex issir divizjoni ghax il-proprjeta' kienet kollha tieghu. *Inoltre'* l-valur tal-mobbli bl-ebda mod ma kien jasal ghall-prezz tal-bini li kien sar.

Illi wara li sar il-kuntratt l-inkwiet baqa' jikber bejniethom u hija hadet l-ghamara u anki affarijiet li saru wara z-zwieg. L-attur isostni li kienet l-attitudni aggressiva ta' martu li nducietu jaghmel il-kuntratt.

Illi **Tania Sultana** kkonfermat li originarjament hija kienet xtrat mal-attur l-arja tal-fond in kwistjoni. Sussegwntement bieghet kull sehem li kellha lil Lawrence Farrugia peress li l-eghrusija taghhom kienet thassret. Hija qalet li f'Jannar 1995 il-post kien jonqsu l-washroom u l-opramorta, l-garage u t-twittija tar-rampa. Kien hemm xi affarijiet ohrajn li kienu qed isiru.

Illi l-konvenuta **Lorenza Farrugia** xehdet li hi bdiet tohrog mal-attur xi tlett gimghat wara li ltaqghu u mhux xahrejn kif qal zewgha. Hi qalet li f'April 1996 il-post kien gebel u saqaf u dan tafu ghax dahlet go fih u daret kamra kamra. Hija qalet li meta ratu l-post kien lest mill-gebel, id-dawl u l-ilma. F'April 1996 l-attur qalilha li xtaq li jizzewgu malajr u ma xtaqx gherusija twila.

Illi hija kompliet li dak iz-zmien finanzjarjament kienet f'posizzjoni tajba. L-attur xtaq ilesti l-post biex jizzewgu u jghixu fih malajr izda kellu problema ta' flus. Ghalhekk issuggerixxa li hi tikkontribwixxi lejn il-kompletazzjoni tal-fond u x-xiri tal-ghamara. Hija kompliet hekk *"Mill-bidu nett, l-attur kien ghamilha cara illi huwa ma riedx jissellef il-flus minn ghandi izda xtaq jiena nakkwista nofs dan il-fond u imbaghad jiena nivversa l-flus li kelli mfaddla proprju sabiex il-post illi nerga' nghid kien gebel u saqaf, jitlesta u jsir abitabbli."*

Illi minhabba li l-attur kien qalilha li l-post kien swielu Lm18,000 hija offriet li ttih Lm9,000 biex tirrimborzah ghal nofs l-infieq li kien ghamel sa dak iz-zmien filwaqt li l-kontijiet futuri jithallsu f'ishma ndaqs. Huwa pero' rrifjtuta din l-offerta diversi drabi.

Illi huma marru ghand in-Nutar Pierre Falzon fil-bidu tas-Sajf 1996. Huwa tahom parir li kien jaqblilhom li ma jaghmlu ebda trasferiment qabel iz-zwieg ghax kienu jidhlu f'obbligu ta' hlas ta' bolla u *Capital Gains Tax.* Minflok huwa ssugerixxa li jaghmlu dan il-pass wara z-zwieg biex ma jhallsu ebda taxxa. Ghalkemm hi kienet tippreferi mod iehor imxiet fuq il-parir tan-Nutar u bdiet tohrog il-flus ghad-dar.

Illi hi ssostni li fiz-zmien minn Awissu 1996 sa Settembru 1997 harget is-somma ta' Lm19,912 f'maggoranza ta' cekkijiet u ftit minnhom cash. Hija pprezentat lista kif ukoll ricevuti u Bank *statements* biex tipprova dak li sostniet. Fis-somma ta' Lm19,912 missierha kien taha rigal ta' Lm5,000 liema somma kienet nefqitha fil-bibien ta' gewwa u ta' barra tad-dar u biex thallas ghal *honeymoon.*

Illi ftit wara t-tieg, ommha marret ghand in-Nutar biex tavzah li kienu zzewwgu u biex ittih ic-certifikat taz-zwieg taghhom. In-Nutar ipprezenta r-rikors fis-Sekond'Awla fis-17 ta' Novembru 1997. Il-Qorti laqghet it-talba fis-7 ta' April 1998 u fis-27 ta' April 1998 gie redatt il-kuntratt mertu tal-vertenza odjerna.

Illi l-konvenuta xehdet li bejn id-data taz-zwieg u l-pubblikazzjoni tal-kuntratt hija u zewgha kienu jitlewmu spiss fuq il-fond. Hija kienet tqajjem is-suggett ghax bdiet tara l-affarijiet idumu u huwa kien ighidilha biex ma tinkwetax u ma tiffissax. Hija cahdet li kienet tittorturah u tghajjru, anzi kien hu li jhedded li ma jsirx il-kuntratt. Imbaghad wara li sar il-kuntratt xtrat elf share tal-Maltacom fuq ismu.

Illi hija cahdet li l-kuntratt sar ghax l-attur ceda ghall-abbuzi taghha u ghax xtaq isalva z-zwieg. Il-konvenuta xehdet li l-kuntratt sar ghax kien mahsub u miftiehem bejniethom minn madwar sentejn qabel. Hija qalet li n-Nutar kien fehemhom precizament x'kien se jsir u l-konsegwenza tieghu.

Illi in kontro-ezami hija ma qablitx li l-post kien fi stat avvanzat hafna illi kien abitabbli. Hi tinsisti li l-post kien gebel u saqaf meta ratu b'ghajnejha u meta bdiet tohrog mieghu kien qed ighaddi d-dawl u l-ilma. La kien hemm aperturi u lanqas madum. Mhux minnu li sat-30 ta' Mejju 1996 il-post kien maghluq minn kollox. Ghalkemm il-loan tal-Bank kien fuq zewgha hija spjegat li minn dakinhar li zzewgu huma fethu joint account fejn ftehmu li jiddepozitaw l-istess ammonti ta' flus fix-xahar. Huwa kien qed ihallas Lm93 mill-kont personali tieghu ta' qabel iz-zwieg. Peress li hi xtaqet tikkontribwixxi nofs il-loan hija bdiet tiddepozita Lm300 fil-joint account u huwa Lm200 biex b'hekk b'kollox kienu qed johorgu ndaqs ghax lilu kienu qed jinqatghawlu Lm93 mill-kont tieghu. Sussegwentement sena u nofs wara z-zwieg xtraw *Time-Share* u bdiet thallas Lm93 fix-xahar hija mill-kont personali taghha u bdiet tiddepozita hija wkoll Lm200 fix-xahar fil-*joint account*.

Illi hija ddikjarat li taqbel ma' dak li kiteb il-Perit David Psaila fir-rapport tieghu datat 9 ta' Dicembru 1996 (Dok. "LFF1" a fol.548 tal-process). Hija xehdet li kienet ilha tohrog ma' Lawrence ghal sena u kienet diga' bdiet tohrog hafna flus ghall-post.

Illi l-**genituri tal-konvenuta** kkoroboraw ix-xhieda ta' binthom ghal dak li jirrigwarda li l-post kellu jsir nofs bin-nofs tat-tnejn billi Lorenza tikkontribwixxi sehemha. Dan id-diskors sar quddiemhom. *Inoltre'* huma kkonfermaw li binthom harget ammonti ta' flus kbar sabiex jitlesta l-fond in kwistjoni.

Illi n-**Nutar Pierre Falzon** xehed li gie avvicinat mill-attur xi xhur qabel iz-zwieg tal-kontendenti. Huwa qal li l-attur kellu proprjeta' f'ismu u xtaq li l-proprjeta' ssir fuq isem it-tnejn. Ir-raguni kienet li l-gharusa kienet ghamlet l-ispejjez u kien ghad baqaghlha x'taghmel fih. Il-kuntratt sar wara z-zwieg ghaliex l-attur kien diga' ghadda minn problema dwar l-istess post u l-flus ma kienux intefqu. *Inoltre'* kienu se jiffrankaw il-bolla. Rigward frodi jew vjolenza xehed li sa fejn jaf hu ma kienx hemm. Ukoll xehed li qabel ma qara l-kuntratt bil-mod kif isir is-soltu, huwa kien diga' tahom spjegazzjoni dettaljata fuq liema ligi kienu se jimxu biex jiffrankaw l-ispejjez.

Illi in kontro-ezami xehed li huwa fuq dak li gara quddiemu jista' jghid. Meta Lawrence Farrugia mar ghand in-Nutar mal-ewwel gharusa tieghu biex jinqaleb il-post fuq ismu, il-post kien mibni. Meta mar mal-konvenuta in-Nutar xehed li probabilment bdew jissemmew anke xi ghamara u affarijiet li hadet hi. Huma pero' ma qaghdux jikkalkolaw sa lanqas haga ghax l-idea kienet li d-dar kellha tigi tappartjeni lilhom it-tnejn. Huwa jiftakar li missier Lawrence tah xi flus pero' huma ma dahlux fid-dettal dwar kemm tiswa' l-proprjeta'. Fl-ahharnett xehed li quddiemu m'ghaddewx flus.

**<u>(III) L-EWWEL ECCEZZJONI – NULLITA' TAC-CITAZZJONI.</u>**

Illi l-konvenuta eccepiet in-nullita' tac-citazzjoni peress li hi generika, vaga, nebuluza u tmur kontra l-**artikolu 156 (1)**

**(a) tal-Kap.12**, ma tfissirx sewwa l-oggett tal-kawza, u dan kif postulati l-premessi u t-talbiet. Din l-eccezzjoni nghatat peress li skond il-konvenuta m'hemmx talba specifika ghal dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kuntratt. Mhux hekk biss imma ssostni li t-tieni talba hija guridikament insostenibbli peress li sentenza tista' tigi esegwita biss bil-modalitajiet permessi mill-ligi.

Illi l-**artikolu 156** infatti jipprovdi li c-citazzjoni ghandu jkun fiha (a) tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba; u (b) it-talba jew talbiet. Dan id-dispositTiv jimponi fuq l-attur allura li jidentifika l-oggett tal-kawza billi jiddikjara r-raguni ghaliex kien qed jitlob dak l-oggett u illi kemm l-oggett kif ukoll ir-raguni tkun imfissra car u sewwa. (**"Raymond Bezzina vs Anthony Galea"** (Appell 30 ta' Marzu 1998). *Vide* (P.A. 6 ta' Gunju 1991) **"Pietro Paolo Camilleri et vs Filippo Gatt et**".)

Illi dan kollu jservi sabiex "*il-citato deve conoscere quanto da lui si richiede dai termini delle domande e non dai documenti che vanno uniti alla citazzione e da altro mezzo di prova che in sostegno delle domande potrebbero essere predatti e non a lui notificati*". (**"Bernardo Zammit vs Lorenzo Cassar noe"** P.A. 6 ta' Novembru 1930). (**"Antonio Mizzi vs Stanley Chapman et"** - P.A. 26 ta' April 1951. Vol XXXX.II pg. 399).

Illi b'dan kollu l-**artikolu 156 tal-Kap 12**, ghandu jkollu interpretazzjoni wiesgha fis-sens illi "*l-ligi ma tirrekjedhix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni; bizzejjed jiftiehem x' ikun qieghed jitlob l-attur, b' mod illi l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament u sahansitra tista' tkun anke indotti mid-domanda*" (**"Av. Dr. Carlo Moore noe vs A & CE. Carmelo Fiteni"** – P.A. 15 ta' Dicembru 1955).

Illi l-ezami importanti u krucjali huwa dak spejgat fil-kawza fl-ismijiet **"Emma Scicluna vs Mary Xuereb et"** (A.C. 22 ta' Mejju 1967) fejn gie osservat illi ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tista' tkun dedotta wkoll b'mod lakoniku, c-citazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb, u sakemm ma tkunx difettuza talment li

minhabba f’ hekk il-konvenut jigi pregudikat ghaliex ma jkunx jista’ jiddefendi ruhhu. (Vide **“Dr.Stefan Frendo noe vs Philip Attard noe”** - P.A. (CS) 19 ta’ Gunju 1989).

Illi madankollu il-prassi ricenti skond il-gurisprudenza konsitanti, anke abbazi tal-emendi maghmula bl-**Att XXIV tan-1985,** inkluz dawk kontenuti fl-**artikolu 175 tal-Kap 12,** hija li *“l-formalizmu ezegerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta’ diversi forom li jinutnuh”* (**“Charles Fino vs Alfred Fabri noe”** (A.C. 28 ta’ Frar 1997), u konsegwentement *“l-atti jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli”* (**“Dr. Joseph Ellul vs Jos. G. Coleiro”** (A.C. 24 ta’ Jannar 1964).

Illi dawn il-principji gew ukoll applikati minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza **“Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et”** tat-28 ta’ Ottubru 1998 (Citazzjoni Numru 831/97/RCP), b’dan li ma hemm l-ebda spazju llum ghall-foramlissimu esegerat u dan sabiex id-dritt sostantiv jigi verament trattat fil-Qrati taghna.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, din il-Qorti tirrileva li ghalkemm id-dicitura tal-istess citazzjoni ma hijiex wahda mil-iktar felici, pero’ minkejja l-eccezzjoni fuq riportata, ma hemm l-ebda dubju li l-konvenuta kienet f’posizzjoni li tipprezenta diversi eccezzjonijiet u taghmel id-difisa taghha u allura jista’ jinghad bla ebda dubju li hija ma soffriet ebda pregudizzju kwalunkwe. Dan huwa konfortat b’dak li ntqal fis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Carmelo Bonnici vs Eucharistic Zammit noe”** (20 ta’ Jannar 1986) :-

*“Illi l-**Art.156 (1)** jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero’ li kwalunkwe nuqqas da parte ta’ l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta’ l-**Art.155 (1) (illum 156 (1)) tal-Kap.12** u ghalhekk iggib mieghu n-nullita’ tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat*

*jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu."*

Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi michuda.

**<u>(IV) IT-TIENI ECCEZZJONI – SELECTA UNA VIA.</u>**

Illi l-konvenuta eccepiet ukoll in-nullita' tac-citazzjoni u li hi guridikament insostenibbli minhabba li l-attur qed jittenta zewg tipi ta' azzjonijiet simultanjament. Dan imur kontra l-massima *selecta una via* kif ukoll ghaliex l-azzjonijiet huma opposti ghal xulxin – il-vjolenza u raggiri huma difetti fil-kunsens li jannullaw kuntratt sa mill-bidu tieghu, mentri s-simulazzjoni tippresupponi l-validita' ta' kuntratt izda ta' *fattispecje* differenti minn dak li fil-fatt jidher.

Illi huwa minnu dak li sostniet il-konvenuta fl-eccezzjoni taghha. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **"George Mallia vs Av. Dr Albert Ganado noe"** (L (CC)  14 ta' Mejju 1959) gie ritenut:-

*"Azzjoni biex kuntratt jigi annullat minhabba vizzju tal-kunsens b'errur jew ingann hija azzjoni ta' rexissjoni, u mhux ta' simulazzjoni; ghax dik l-azzjoni tkun diretta biex il-kuntratt jigi annullat, mentri l-azzjoni ta' simulazzjoni tippresupponi dejjem att inezistenti, b'mod assolut jew relattiv, u ghandha bhala skop li tigi ristabbilita' l-verita' f'dak li realment riedu l-partijiet, avvolja l-att reali jista' ma jkunx validu."*

Illi imbaghad f' **"Alfred Tonna vs Emmanuele Vella et"** (P.A. (T. G.) 17 ta Ottubru 1949) :-

*"L-azzjoni ta' simulazzjoni ma ghandhiex tigi konfuza ma' dik ta' rexissjoni; ghax filwaqt li r-rexissjoni ghandha l-iskop li tannulla kuntratt li jonqsu xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali ghall-ezistenza tieghu, jew ghax ikun affett minn xi vizzju, jew ghax ikun leziv ghal xi wahda mill-partijiet, is-simulazzjoni hija ntiza ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni ta' l-inezistenza ta' l-att ghax il-*

*partijiet qatt ma riedu jaghtuh ezistenza legali u ebda effikacja.”*

Illi fis-sentenza **“Galleria Management Limited vs Derby International Limited”** (A.C. - 10 ta’ Jannar 2003) l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell tenniet :-

*“Illi l-kazijiet li fihom l-eccezzjoni tan-nullita’ ta’ atti gudizzjarji jistghu jinghataw huma dawk imsemmija fis-**sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;***

*Illi l-erba’ (4) cirkostanzi msemmija f’dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta’ nullita’ ta’ att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa’ taht il-parametri ta’ xi wahda minnhom;*

*Illi minbarra dan, bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi bl-**Att XXIV tal-1995**, l-eccezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-hrug tal-att gudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi. Tifsira tajba ta’ din id-disposizzjoni, flimkien ma’ l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghda, hija moghtija f’sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino**;**”** (28.1.1998 – Kollez. Vol:LXXXII.ii.30)”*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **“Carmel Schembri et vs Anthony Poulton et”** (P.A. (J.R.M.) - 20 ta’ Marzu 2003) gie ritenut li:-

*“Illi nghad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b’cirkospezzjoni eccezzjoni ta’ nullita’ ta’ att gudizzjarju. Biex att ta’ citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita’ huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b’mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta’ min harrikha (P.A.: 14.2.1967 fil-kawza fl-ismijiet **“J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul”;** (Kollez. Vol:LI.ii.779) u li tali tifsila ma tkunx ta’ hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur; (App.*

*Kumm.* ***20.1.1986*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***"Carmelo Bonnici vs Eucharistico Zammit noe et")"***

Illi fl-istess sentenza gie wkoll gustament enfassizat li:-

*"…li l-ilment tal-imharrkin ma jaqax fil-parametri ta' nuqqas procedurali, imma wiehed sostantiv. Dan jinghad ghaliex il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta' tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att gudizzjarju….."*;

*"Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgha taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d)* ***tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789,*** *tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur tal-forma preskritta (Ara per ezempju, P.A. C.S. :* ***4.11.1988*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***"Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri"*** *(mhix pubblikata))";*

*"Illi, f'wahda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bhal din taht ezami jinghad hekk : "… ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jigu, ghall-finijiet ta' l-oggett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, ezaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok ghall-gudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistghux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wiehed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'gudizzju, ma hemm xejn fil-ligi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeducihom jekk jittendi li huma ntizi ghall-oggett propost, salv li l-istess ma humiex inkolciljabbli. Dina r-redazzjoni tal-att tac-citazzjoni ma tirrendix dak l-istess att ghall-kawzalijiet tieghu mhux car, izda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qieghed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, l-ebda pregudizzju ma jitnissel lill-konvenut, minn dana l-agir guridiku, il-ghaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attrici ghad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawza…." (App. Civ.* ***14.11.1949*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***"Borg noe vs Vincenti"*** *(Vol. XXXIII.i. 535, a fol.538)"*

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ighodd ghall-kawza li ghandha quddiemha llum. Il-konvenuta ma gietx pregudikata bic-citazzjoni attrici u setghet tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**(V) IT-TIELET ECCEZZJONI.**

Illi l-konvenuta eccepiet illi kwantu ghall-kawzali bbazati fuq vjolenza u raggiri l-azzjoni attrici hija legalment perenta *ai termini* tal-**artikolu 1222 (1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta**, u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi l-**artikolu 1222 tal-Kap.16** jipprovdi :-

*"Meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta', taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn"*

Illi *inoltre'* l-**artikolu 1223 (1) tal-Kap.16** jipprovdi:-

*"Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispicca, u, fil-kaz ta' zball, ta' eghmil doluz, jew ta' kawza falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur qed jallega li martu ghamlet hafna pressjoni fuqu sabiex isir il-kuntratt ta' divizjoni u li huwa ceda ghal tali pressjoni biex ma jfarrakx ir-relazzjoni taghhom. Apparti mill-veracita' *o meno* ta' tali allegazzjoni jidher li l-mument li jrid jittiehed in kunsiderazzjoni ghall-fini ta' preskrizzjoni f'dan il-kaz huwa d-data ta' meta sar l-istess kuntratt. Dan gie redatt fis-27 ta' April 1998. Ghalhekk ladarba it-terminu ta' sentejn huwa applikabbli jirrizulta li f'dan ir-rigward l-azzjoni hija perenta ghax ic-citazzjoni giet prezentata fit-13 ta' Frar 2001 ferm wara s-sentejn stipulati mill-ligi. Illi ghal dak li jirrigwarda l-eghmil doluz fil-kaz in kwistjoni ma hemm

involut l-ebda difett li fil-fatt inkixef u allura t-terminu ta' preskrizzjoni huwa wkoll applikabbli mid-data tal-kuntratt.

**(VI) IR-RABA' ECCEZZJONI.**

Illi rigward il-vjolenza din il-Qorti mhiex se tidhol fil-mertu u rigward l-eghmil doluz, anke abbazi ta' dak li ser jinghad, japlika l-istess artikolu ta' preskrizzjoni. Pero' fuq kollox din il-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 488 tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

*"(1) Kontra l-atti maghmulin bil-permess jew bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, ma tistax tingieb il-prova li l-kunsens gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b'eghmil doluz, jew li l-att kien b'xi mod ta' hsara jew ta' pregudizzju.*

*(2) Izda l-att jista' jigi mwaqqa jekk jigi ppruvat illi l-permess jew l-awtorizzazzzjoni tal-qorti gew moghtija minhabba dikjarazzjonijiet foloz jew minhabba li ma ntqalux xi cirkostanzi".*

Illi ghalhekk ghal dak li jirrigwarda c-citazzjoni attrici in kwantu l-istess hija bbazata fuq vizzju ta' kunsens minhabba vjolenza u raggieri l-istess azzjoni hija preskritta abbazi ta' l-**artikolu 1222 u 3 tal-Kap 16** u mhux proponibbi abbazi ta' **l-artikolu 488 tal-Kap 12.**

**(VII) IL-HAMES ECCEZZJONI.**

Illi rigward l-elementi stabbiliti mill-gurisprudenza biex tirnexxi azzjoni ta' simulazzjoni jinghad is-segwenti.

Illi fis-sentenza **"Anna Attard et vs Carmelo Attard"** (P.A. (EM)14 ta' Jannar 1956) insibu li *"huwa simulat l-att meta bil-volonta' tal-partijiet ikollu sinifikat apparenti divers minn dak li realment ghandu."*

Illi imbaghad fis-sentenza **"Esther Pace et vs Mary Lauri et"** (P.A. (JCC) 12 ta' Ottubru 1950) il-Qorti kkunsidrat :-

*"Illi skond id-dottrina hemm zewg speci ta' simulazzjoni: wahda assoluta, meta l-kuntratt ikun interament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkuntrattaw ebda obbligazzjoni – "colorem habens, substantiam vero nullam"; u l-ohra relattiva, meta l-partijiet ghamlu kuntratt taht apparenza ta' iehor – "colorem habens, substantiam vero alteram" (Coen. Giurisprudenza Italiana, voce "Simulazione", para.72);*

*L-azzjoni li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni assoluta ghandha bhala skop id-dikjarazzjoni ta' l-inezistenza assoluta ta' l-att; dik li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni relativa ghandha bhala skop illi tigi restitwita r-realta' tal-att u mnehhija l-forma apparenti tieghu;"*

Illi f' **"Carmelo Morana vs Nutar Dr Joseph Spiteri et"** (A.C – 26 ta' Mejju 1952) gie ritenut :-

*"Illi hu veru li bhala regola tradizzjonali u generali "contra scriptum non scriptum testimonium non fertur". Dina r-regola, osservata b'mod assolut fi zmien antik, gie ritenut li ghandha tigi mitigata (Vol.XXVII- I-870), billi kull kaz ghandu jigi ezaminat skond il-fattispecje tieghu (Vol.XXIX –II-1090). Gie ritenut ukoll illi l-istess regola ma hijiex applikabbli f'dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni (Vol.XXIX-II-1203); kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher illi l-kontraenti ghamlu kuntratt simulat biex ighattu kunratt iehor li realment riedu jaghmlu, u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt (Vol.XXX-I-603);"*

Illi rigward il-provi tas-simulazzjoni dawn *"jistghu jkunu diretti u ndizzjarji; u f'dan l-ahhar kaz (bhal ma hu l-kaz taht ezami ) il-provi jridu jkunu precizi, gravi u konkordanti, b'mod li l-indizji ma jiswewx jekk ikunu ndebboliti minn provi jew indizji kuntrarji (Kollez. XXXVII-I-259)"* (vide Onor.Dr A. Magri, **"John Giordimaina et vs Giuseppe Agius",** 21 ta' April 961). Dan kollu gie kkonfermat u kkoroborat mis-sentenza **"Joseph Vassallo et vs Carmelo Vassallo et"** (A.C.. Cit. Nru: 783/89/JSP –13 ta' Lulju 2001) fejn hemm referenza ghall-parametri li l-gurisprudenza timponi biex l-azzjoni ta' impunazzjoni ta'

kuntratti fuq il-bazi ta’ simulazzjoni tigi ezercitata b’success.

Illi dawn huma s-segwenti:-

*“Is-simulazzjoni hija forma ta’ frodi, u min jallegaha ghandu jgib prova konkludenti u perswassiva tas-simulazzjoni.” Din il-prova tista’ ssir bi kwalunkwe mezz permess bil-ligi anke permezz ta’ xhieda. Izda dan il-principju li l-prova tas-simulazzjoni trid tkun konkludenti u perswassiva, ghandu jigi applikat b’rigur akbar meta jigi mpunjat att pubbliku;*

*Fuq kollox imbaghad ghandha tirrizulta b’mod inekwivokabbli l-causa simulandi, b’mod li jekk il-prova ma tirnexxix, l-impunjazzjoni taqa’.”*

Illi l-attur jargumenta li kuntratt ta’ divizjoni bejn il-partijiet jippresupponi li ghandhom xi haga komuni u qed jaqsmuha. Fin-nota tieghu qal li legalment ma kellhom xejn komuni x’kienu qed jaqsmu. Kuntratt ta’ divizjoni jfisser li z-zewg partijiet ghandhom jhedd jew ugwali jew fi kwoti fuq il-haga komuni. Dan it-titlu jrid ikun jirrizulta minn origini legali, jew xiri flimkien jew wirt jew donazzjoni jew kwalunkwe mod iehor kif proprjeta’ ssir komuni anki bil-komunjoni tal-akkwisti. Dan kien qabel il-komunjoni tal-akkwisti. L-attur kompla li huwa kontrosens legali u ghalhekk hemm simulazzjoni li f’kuntratt ta’ divizjoni li huwa min-natura tieghu biex issir il-qasma jispiccaw li l-partijiet dak li kienu jaqsmu baqghu ndivizi. Huwa kompla hekk:

*“Fil-fatt Lorenza Farrugia ssimulat li ghandha n-nofs meta hija ma kellhiex, issimulat li qed taghmel kuntratt ta’ divizjoni halli taqsam u ma qasmet effettivament xejn ghaliex ma tistax kuntratt ta’ divizjoni jhalli kollox indiviz. Id-divizjoni ssir biex ma jibqax fi stat ta’ indiviz;*

*Inoltre l-kuntratt ta’ divizjoni kellu li hi qed iggib affarijiet parafernali ta' ghamara. Fid-divizjoni ta’ immobbli u bini ma jidholx l-ghamara li jkun hemm halli tekwepara ghat-titlu insinwabbli dwar bini;*

*Pero' jirrizulta anki waqt din il-kawza li l-istess attrici Lorenza Farrugia ma kinitx qed temmen f'dak il-kuntratt li kien jghati lil Lawrence Farrugia nofs id-dritt indiviz fuq l-ghamara li kienet gabet ghaliex qabdet u kaxkret kollox meta telqet mid-dar ghaliex dawk kienu taghha."*

Illi din l-argumentazzjoni tista' tkun valida f'sitwazzjonijiet ohra pero' mhux f'dik odjerna li hija sitwazzjoni pjuttost *sui generis.* Mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li ma kien hemm l-ebda simulazzjoni mill-ebda parti.

Illi fl-ewwel lok jinghad li din il-Qorti hija konvinta mill-versjoni tal-fatti kif imressqa mill-konvenuta. M'hemm l-ebda kontestazzjoni li l-fond in kwistjoni kien originarjament jappartjeni lill-attur u dan wara li akkwista sehem l-ewwel gharusa li kellu cioe' Tania Sultana.

Illi dwar ir-rapporti tal-Perit David Psaila dawn mhumiex daqshekk indikattivi fis-sens li fl-ewwel rapport datat 25 ta' Marzu 1995 (Dok. "LFF2" a fol. 549 tal-process l-iehor ta' separazzjoni bejn il-partijiet) l-post kien ghadu *shellform*. Il-partijiet kienu ghadhom ma ltaqghux. Fit-tieni rapport tieghu datat 9 ta' Dicembru 1996 (Dok. "LFF1" a fol. 548 ta' l-istess process fuq indkat) jirrizulta li l-fond kien fi stat avvanzat. Illi l-partijiet pero' kienu ilhom xhur johorgu flimkien u ghalhekk it-tezi attrici anki f'dan l-aspett ma tregix.

Illi l-attur fl-affidavit tieghu stess ammetta li l-Perit kien ikkalkula li meta jkun lest il-post kien se jiswa' Lm18,000 u li hi offrietlu Lm9,000 biex tixtri sehemha fil-post imma huwa rrifjuta. Huwa hawnhekk li hija kredibbli l-konvenuta meta tghid li ftehmu minflok li hija thallas hafna affarijiet li kien fadal. Dan huwa evidenti mill-ircevuti li gew esebiti fil-process minn fejn jirrizulta li l-konvenuta harget eluf kbar ta' liri, li fil-maggior parti taghhom intefqu qabel iz-zwieg, sabiex il-fond jitlesta u dawn ma kienux jikkonsistu biss f'xiri ta' ghamara u *appliances.* Il-konvenuta kkontribwit b'mod sostanzjali ghax ghaliha kien investiment u ghax kienet taf li nofs il-fond kien se jdur fuq isimha.

Illi sinifikanti hija x-xhieda tan-Nutar Pierre Falzon li rrediga l-kuntratt mertu tal-vertenza odjerna. Huwa infatti xehed li sahansitra gie avvicinat mill-attur xi xhur qabel iz-zwieg sabiex isir il-kuntratt. Ir-raguni li tah kienet ghaliex l-gharusa tieghu cioe' il-konvenuta kienet ghamlet l-ispejjez fil-fond u kien ghad baqaghla x'taghmel fih. Mhux hekk biss imma rrizulta li l-attur kien diga' ghadda mill-istess process qabel ma' l-ewwel gharusa tieghu. Ghalhekk huwa kien jaf x'jigifieri u x'konsegwenzi kien jikkomporta. In-Nutar xehed li r-raguni ghaliex il-kuntratt ma sarx qabel iz-zwieg kienet biex jiffrankaw il-bolla. Fl-ahharnett in-Nutar xehed li huwa kien fehem liz-zewg partijiet is-sinifikat ta' dak li kien qed isir.

Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-kuntratt ta' divizjoni li sar bejn il-konjugi Farrugia ma kienx wiehed simulat imma huwa validu skond il-ligi u ghalhekk din il-hames eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

**(VIII) IS-SITT ECCEZZJONI.**

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti thoss li apparti l-fatt li l-azzjoni attrici abbazi ta' vizzju ta' kunsens hija preskritta, l-attur naqas li jipprova l-allegata vjolenza *da parte* tal-konvenuta u wkoll hemm kompletament nuqqas ta' provi dwar l-allegazzjoni ta' raggieri *da parte* tal-konvenuta. Dan apparti li kif gja inghad l-azzjoni attrici ma hijiex proponibbli abbazi ta' l-**artikolu 488 tal-Kap 12** u fuq din il-bazi preskritta abbazi ta' **l-artikolu 1222 u 1223 tal-Kap 16.** Dwar simulazzjoni il-Qorti tirreferi ghall-fatt li l-hames eccezzjoni giet ukoll milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' *in parte* t-tielet eccezzjoni fis-sens li l-azzjoni attrici in kwantu hija bbazata fuq vizzju ta' kunsens minhabba vjolenza u raggieri hija preskritta abbazi tal**-artikolu 1222 u 1223 tal-Kap 16,** u filwaqt li tilqa' wkoll hames u s-sitt eccezzjoni, **tichad** it-talbiet attrici *stante* l-azzjoni attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez ta’ din il-kawza kontra l-istess attur hlief ghal l-ewwel u t-tieni eccezzjoni li ghandhom jigu ssoportati mill-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------